2) *J-P. Bodson u l-appellanti l-oħra li isimhom jinsab fl-anness għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom kif ukoll dawk sostnuti mill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) fil-kuntest ta' din l-istanza.*

---

[1] ĠU C 223, 14.7.2014.

---

## Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Frar 2016 – Bodson *et* vs BEI

**(Kawża T-241/14 P)** [1]

***("Appell — Servizz pubbliku — Persunal tal-BEI — Natura kuntrattwali tar-relazzjoni ta' xogħol — Remunerazzjoni — Riforma tas-sistema ta' primjums tal-BEI — Obbligu ta' motivazzjoni — Żnaturament — Żbalji ta' liġi")***

(2016/C 118/26)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

### Partijiet

*Appellanti:* Jean-Pierre Bodson (Lussemburgu, il-Lussemburgu), Dalila Bundy (Cosnes-et-Romain, Franza), Didier Dulieu (Roussy-le-Village, Franza), Marie-Christel Heger (Nospelt, il-Lussemburgu), Evangelos Kourgias (Senningerberg, il-Lussemburgu), Manuel Sutil (Lussemburgu), Patrick Vanhoudt (Gonderange, il-Lussemburgu) u Henry von Blumenthal (Bergem, il-Lussemburgu) (rappreżentant: L. Levi, avukat)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Bank Ewropew tal-Investiment (rappreżentanti: C. Gómez de la Cruz, T. Gilliams u G. Nuvoli, aġenti, assistiti minn P.-E. Partsch, avukat)

### Suġġett

Appell mis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tielet Awla) tat-12 ta' Frar 2014, Bodson *et* vs BEI (F-83/12, ĠabraSP, EU:F:2014:15), u intiż għall-annullament ta' din is-sentenza.

### Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *J-P. Bodson u l-appellanti l-oħra li isimhom jinsab fl-anness għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom kif ukoll dawk sostnuti mill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) fil-kuntest ta' din l-istanza.*

---

[1] ĠU C 223, 14.7.2014.

---

## Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Frar 2016 – FCC Aqualia vs UASI – Sociedad General de Aguas de Barcelona (AQUALOGY)

**(Kawża T-402/14)** [1]

***("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva AQUALOGY — Trade mark Komunitarja verbali preċedenti AQUALIA u trade mark nazzjonali figurattiva preċedenti aqualia — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Artikolu 8(1)(b) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009")***

(2016/C 118/27)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

### Partijiet

*Rikorrenti:* FCC Aqualia, SA (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: J. de Oliveira Vaz Miranda de Sousa, N. González Alberto Rodríguez u C. Sueiras Villalobos, avukati)